# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 21**

**Avviz numru 438/00/SM**

**Marc Magri**

**vs**

**Sebastian Fresta**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 t'April tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu, (Lm658.72.0), jew somma verjuri minnu sofferti bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku li sehh gewwa K. Galea Street, Birkirkara, fit-22 ta' Lulju 1999, meta hu bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAJ 286 investa l-vettura tal-**

**mittenti Fiat, bin-numru ta' registrazzjoni CBG 148 liema kollizjoni sehhet unikament minhabba mperizja, negligenza u non osservanza tar-Regolamenti tat-Traffiku da parti tieghu;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficcjali tat-8 ta' Novembru 1999 u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din ic-Citazzjoni sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti u pprevalixxi ruhu mill-avviz fuq inidkat biex jipprezenta wkoll il-kontro-talba tieghu sewgenti:**

1. **Illi t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba t-tort u traskuragni tal-eccipjent;**

2. **Illi l-eccipjent gie nformat illi d-danni riklamati mill-atturi bhala rizultat tal-kollizjoni, huma ezagerati;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

4. **Illi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi mill-avviz ossija citazzjoni tal-attur biex jipprezenta l-prezenti kontro-talba:**

   a. **Billi fit-22 ta' Lulju 1999, filwaqt illi l-imsemmi konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta' Registrazzjoni KAJ 286, proprjeta' ta' James Alexander Casha, din il-vettura kienet involuta f'kollizjoni mal-karozza numru ta' registrazzjoni CBG 148 misjuqa mill-attur gewwa K. Galea Street, Birkirkara;**

   b. **Billi ghal din il-kollizzjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-konvenut huwa responsabbli l-istess attur, kif del resto ammetta mal-Pulizija;**

**c. Billi interpellat jghamel tajjeb ghad-danni minnu kkawzati, l-attur baqa' inadempjenti;**

**d. Jghid l-istess attur ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:**

**i. tiddikjara lill-attur unikament responsabbli ghall-kollizjoni tat-22 ta' Lulju 1999, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-konvenut;**

**ii. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-konvenut fis-somma ta' erbgha mija u hamsin liri Maltin (LM450) jew somma verjuri illi tigi likwidata, previa okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;**

**iii. tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut in linea ta' danni, is-somma hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjez, kontra l-attur illi huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjoni ta' l-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut datata t-12 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**Illi l-kollizjoni meritu tal-kawza sehhet unikament minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-istess konvenut Sebastian Testa u b'hekk it-talbiet maghmula mill-konvenut fir-rikonvenzjoni tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-attur datata t-23 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa wkoll is-segwenti:**

**1. Illi l-kollizjoni meritu tal-kawza sehhet unikament minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess konvenut Sebastian Fresta u b'hekk it-**

**talbiet maghmula mill-konvenut fir-rikonvenzjoni tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

2. **Illi subordinatament u minghajr pregudizzju il-konvenut ma sofra l-ebda danni a kawza ta' l-imsemmi incident;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fit-22 ta' Lulju ta' l-1999 ghall-habta tas-2.00 p.m. gewwa Triq Karm Galea ma Triq L. Zahra, Birkirkara;**

2. **Illi l-vetturi involuti kienu wahda tal-marka Fiat 600 bin-numru ta' registrazzjoni CBG-148 misjqua mill-attur u l-ohra kienet tal-marka Datsun bin-numru ta' registrazzjoni KAJ-286 misjuqa mill-konvenut;**

3. **Illi l-attur isostni li meta kien qed isuq kien biss b'velocita' ta' erbghin kilometru fis-siegha u meta gholla rasu mill-ispeedometer fejn kien qed ihares ra lill-konvenut hiereg ghalieh u saret il-kollizjoni;**

4. **Illi l-konvenut isostni li meta gie biex jaqsam minn Triq K. Galea ghal Triq L. Zahra waqaf u meta ma ra lil hadd fit-triq saq izda f'daqqa wahda ra lill-vettura ta' l-attur gejja ghalieh u saret il-kollizjoni;**

5. **Illi l-attur sofra danni ammontanti ghall-sitt mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm658.72,0) filwaqt li dawk sofferti**

**mill-konvenut jammontaw ghall-erba' mija u hamsin Lira Maltin, (Lm450.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi kif jidher mill-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura l-vizwali tal-konducenti nvoluti tirrizulta li ma kienetx ostakolata u ghalhekk kieku l-konducenti kienu qed isuqu bi prudenza l-incident de quo kien facilment jigi evitat;**

**Ghaldaqstant wara li hadet konjizzjoni tat-talbiet attrici u tal-kontro-talbiet ta' l-attur tiddeciedi illi:**

1. **Tiddikjara lill-attur Marc Magri u lill-konvenut Sebastian Fresta ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Magri fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu, (Lm658.72,0), u dawk sofferti mill-konvenut Fresta fl-ammont ta' erba' mija u hamsin Lira Maltin, (Lm450.00,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Fresta biex ihallas lill-attur Magri l-ammont ta' tlett mija disgha u ghoxrin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu, (Lm329.36,0), bl-imghaxijiet dovuti u lill-attur Magri biex ihallas lill-konvenut Fresta l-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM225.00,0), bl-imghaxijiet dovuti, bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**